MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 92/2012

**Pentasia Malta Limited (C38099)**

**vs**

**PIVGAME Limited**
**gia maghrufa bhala Pokerinvence Limited (C-44342)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-8 ta’ Marzu 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha is-somma ta’ erbat elef, mija u disgha u tmenin Ewro (€4,189.00) rapprezentanti l-valur tal-fattura bin-numru 1009-569 datata 22 ta’ Settembru 2010 fir-rigward ta’ servizzi ta’ reklutagg lilhom rezi ai termini ta’ ftehim accettat u ffirmat minnhom, u dan kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema somma huma naqsu milli jhallsu minkejja l-interpellazzjonijiet tas-socjeta’ Pentasia Malta Limited.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali, ai termini ta' l-Artikolu 166A bin-numru 276/2012 kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 374/2012 u kif ukoll imghaxijiet mid-data ta' l-istess fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' PIVGAME Limited li giet prezentata fl-10 ta' April 2012 fejn ecepixxiet:

1. *"Illi preliminarjament, l-eccipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna stante li l-kuntratt li fuqu hija bbazata t-talba gie ffirmat ma' terzi;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u fil-mertu, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikkorrenti ma onoratx l-obbligi kontrattwali taghha u konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut;*
3. *Salv divizi ulterjuri hekk kif permess mill-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat ix-xhieda ta' **Cesare Florio** tat-13 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li f'dak iz-zmien huwa kien amministratur tal-kumpanija, fil-fatt anke kellu xi ishma fis-socjeta'. Huwa stqarr illi s-socjeta' konvenuta hija effettivament registrata hawn Malta. Ix-xhud spjega li huwa ma jafx lill-impjegat Jean Karl Abela personalment u qatt ma' kien impjegat mas-socjeta' PIVGAME Limited. Huwa sostna li la huwa personalment u lanqas ghan-nom tas-socjeta' konvenuta qatt ma' mpjega lill-persuna Jean Karl Abela.

Ix-xhud esebixxa invoice mibghuta mis-socjeta' Pentasia lil Pokerinvence Limited u dana in konnessjoni ma' Jean Karl Abela. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument A. Huwa spjega li s-socjeta' Pokerinvence Limited bidlet isimha u llum hija l-istess socjeta' konvenuta bl-isem ta' PIVGAME Limited.

**Cesare Florio** rega' xehed fis-27 ta' Gunju 2012 fejn mill-gdid ikkonferma li Jean Karl Abela qatt ma hadem ghas-socjeta' PIVGAME Limited u lanqas ghas-socjeta' Pokerinvence Limited, fill-fatt dawn huma l-istess socjeta'.

Huwa spjega li kien jokkupa l-kariga ta' direttur ghall-socjetajiet ohrajn li kellhom x'jaqsmu ma' gaming pero' ma setax jghid effettivament jekk Jean Karl Abela qattx kien impjegat maghhom. Pero' xtaq jikkonferma li ghal dawn is-socjetajiet PIVGAME u Pokerinvence zgur li ma hadimx dan Jean Karl Abela.

Huwa stqarr illi huma kellhom kollaborazzjoni ma' Pentasia Malta Limited. Fil-fatt kienu baghtulhom diversi emails u kienu tawhom diversi impjegati prospettivi ohrajn. Fil-fatt uhud minnhom gew assunti u jahdmu maghhom. Huwa ddikjara li relazzjoni legali bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti fil-fatt ezistiet u ghadha tezisti sal-lum.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li giet prezentata fis-27 ta' Gunju 2012 li biha gew prezentati zewg affidavits ta' Christopher Vella u Sara Portelli li gew immarkati bhala Dok. A u Dok B rispettivament.

Rat l-affidavit ta' **Christopher Vella** fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Pentasia Malta Limited u jiggestixxi n-negozju ta' din is-socjeta' f'Malta. Din is-socjeta' hija licenzjata bhala agenzija ta' l-impjieg u tispecjalizza b'mod partikolari fir-reklutagg ta' persuni fis-settur ta' l-*online gaming*. Huwa spjega li s-socjeta' PIVGAME Limited li sa dak iz-zmien kienet maghrufa bhala Pokerinvence Limited, ghandha diversi licenzji tal-Loghob minn Distanza mahruga mill-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Loghob.

Huwa stqarr li fis-sena 2009, is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet kuntatt ma' Pentasia Malta Limited bil-ghan li din tipprestalhom is-servizz ta' reklutagg. Bhala prassi, Pentasia Malta Limited sussegwentament tiddiskuti u tikkonkludi ftehim mal-klijenti taghha li jirreferu ghalih bhala *"Terms of Business"* bl-iskop li jirregola r-relazzjonijiet bejn is-socjeta' u l-klijenti taghha. Dan it-tip ta' ftehim gie konkluz mas-socjeta' konvenuta fejn gie ffirmat mid-direttur ghas-socjeta' konvenuta PIVGAME Ltd Cesare Florio nhar is-6 ta' Mejju 2009, liema kopja ta' dan il-ftehim gie anness mal-affidavit u mmarkat bhala Dok

CV1. In segwitu ta’ dan il-ftehim, is-socjeta’ intimata talbet is-servizzi ta’ Pentasia Malta Limited f’zewg okkazjonijiet.

Fl-ewwel okkazjoni, is-socjeta’ intimata kienet talbet lil Pentasia Malta Limited biex issibilha kandidati prospettivi biex jigu ngaggati fil-posizzjoni ta’ “*Secretary*” u “*Affiliate Manager*”. Huwa spjega li wara ricerka estensiva min-naha taghhom, ghaddew numru ta’ kandidati prospettivi lis-socjeta’ PIVGame fejn dawn ingaggaw zewg kandidati. Huwa ddikjara li bhala prattika, malli l-klijent jinfurmhom illi ngagga l-kandidati, huma johorgu l-fatturi relattivi. F’dan il-kaz, minkejja li hargu fattura ghal kull kandidat, is-socjeta’ konvenuta kienet damet hafna sakemm onorat il-fatturi mahruga u filfatt kellhom jaslu f’arrangament specjali maghhom biex ihallsu l-imsemmija fatturi b’rati mensili. Dawn il-fatturi thallsu kollha.

Huwa tenna li wara ftit jiem gew infurmati li wiehed mill-impjegati kien irrizenja mis-socjeta’ konvenuta u b’hekk is-socjeta’ Pentasia Malta Limited kienet obbligat ruhha li tirrimpjazza lil din il-persuna minghajr hlas u dan skond klawsola 4.1 tat-*Terms of Business*.

Ftit tax-xhur wara, is-socjeta’ konvenuta kienet regghet avvicinat lis-socjeta’ Pentasia Malta Limited biex issibilha kandidati prospettivi ghal erba’ *vacancies* fil-*Customer Support* bl-ispecifikazzjoni li tnejn kellhom jitkellmu l-lingwa Ingliza filwaqt li t-tnejn l-ohra jitkellmu bil-lingwa Spanjola. Huwa stqarr illi Pentasia Malta Limited iddedikat rizorsi konsiderevoli ghal numru ta’ gimghat ghal dawn il-*vacancies* u kienet bghatet madwar 20 kandidat prospettiv. Erba’ minnhom gew impjegati u cioe’ lil Paula Claudia Sariola, Douglas Da Silva Pace, Jean Karl Abela u Eliseu Samuel Ferreria.

Huwa sostna li dawn l-erba’ kandidati kienu ngaggati bil-paga ta’ €17,750 fis-sena kull wiehed u b’hekk ai termini tal-klawsola 3.2 tat-*terms of business* imsemmija, l-ammont dovut lis-socjeta’ Pentasia Malta Limited huwa ta’ 20% ta’ din il-paga u cioe’ s-somma ta’ €3,550 flimkien ma’ €639 bhala VAT. B’kollox jammontaw ghal €4,189. Hekk kif gew ingaggati, Pentasia Malta Limited baghtet

erba’ fatturi lis-socjeta’ konvenuta fit-22 ta’ Settembru 2010 bin-numri 1009-568, 1009-569, 1009-570 u 1009-571 rispettivament ghal kull kandidat li gie ngaggat ai termini tal-klawsola 3.1 tat-Terms of Business.

Huwa qal illi r-relazzjonijiet li hu kellu ma’ PIV Game Limited dejjem kienet ma’ Cesare Florio. Qal ukoll li kull darba li Cesare Florio avvicina lis-socjeta’ Pentasia Malta Limited dejjem kien jitkellem ghar-rigward ta’ PIV Game Limited u di fatti l-*vacancies* li kien ghadda lis-socjeta’ msemmija dejjem kien jghid li kienu fir-rigward ta’ PIV Game Limited.

Is-socjeta’ PIVGAME Limited baqghet inadempjenti fil-hlas taghha sal-gurnata tal-lum u dan minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont tal-fatturi flimkien ma’ l-interessi relattivi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Christopher Vella ddikjara li ghalhekk jirrizulta ampjament car illi PIVGAME Limited huma kredituri tas-socjeta’ Pentasia Malta Limited fis-somma bilancjali ta’ €4,189 mertu tal-fattura bin-numru 1009-569 mahruga fil-konfront ta’ Jean Karl Abela, kopja taghha giet annessa mal-affidavit u mmarkata Dok. CV2, mahruga fit-22 ta’ Settembru 2010, bl-imghaxijiet kalkolabbli mill-iskadenza ta’ 30 gurnata kif provdut fl-Artikolu 5.2 tat-*Terms of Business*. Dan minkejja li s-socjeta’ Pentasia Malta Limited bghatet lis-socjeta’ intimata Ittra Ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ittra ggib in-numru 276/2012 kif ukoll ghamlet Mandat ta’ Sekwestru kontra l-istess, liema Mandat igib in-numru 374/2012.

Rat l-affidavit ta’ **Sara Portelli** fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta’ *Consultant* mas-socjeta’ attrici Pentasia Malta Limited ghall-ahhar sena u nofs circa. Ftit taz-zmien wara li s-socjeta’ PIV GAME Limited, li sa dak iz-zmien kien jisimha Poker In Venice Limited kienet iffirmat it-*Terms of Business* fis-6 ta’ Mejju 2009, hija kienet giet inkarigata mis-superjuri taghha biex issib kandidati prospettivi ghall-vacancies li l-imsemmija PIV Game Limited kellha f’dawk

iz-zminijiet. Wara r-ricerka li taghmel is-soltu, kienet identifikat madwar 20 kandidat prospettiv. Minn dawn il-kandidati, is-socjeta’ PIV Game Limited kienet ingaggat erba’ kandidati u cioe’ lil Paula Claudia Sariola, Douglas Da Silva Pace, Jean Karl Abela, u Eliseu Samuel Ferreria. Ma’ dawn kien hemm ukoll David Martinez li kien *replacement* ta’ kandidat iehor precedenti li kien irrizenja minn mas-socjeta’ konvenuta. Il-lista ta’ dawn il-kandidati tinsab riportata fid-database tas-socjeta’ Pentasia Malta Limited, kopja ta’ liema giet annessa mal-affidavit u mmarkata bhala Dok “SP1”. Hija qalet li s-somma dovuta ghas-servizzi ta’ reklutagg hija €4,189 ghal kull kandidat mahduma skond il-klawsola 3.2 tat-*Terms of Business* bbazata fuq il-paga ta’ €17,750 fis-sena kull persuna ingaggata. Fil-fatt, l-ammont dovut fuq kull fattura huwa ta’ €3,550 flimkien ma’ €639 bhala VAT, li b’kollox jammontaw ghal €4,189 rispettivament.

Ghar-rigward ta’ l-imsemmi David Martinez, is-socjeta’ Pentasia Malta Limited ma kienitx harget fattura stante li dan kien replacement skond il-klawsola 4.1 tat-*Terms of Business* ma’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Hija sostniet li kienet ikkomunikat ma’ certa Michele Martinez min-naha tas-socjeta’ PIV Game Limited fir-rigward ta’ dawn l-erba’ kandidati u l-istess Martinez ikkonfermat illi l-kandidati kienu gew ingaggati mis-socjeta’ PIV Game Limited u fuq din il-konferma, hu kien hareg erba’ fatturi bin-numri 1009-568, 1009-569, 1009-570 u 1009-571 rispettivament ghal kull kandidat li gie ngaggat mis-socjeta’ konvenuta fit-22 ta’ Settembru 2010 u dan ai termini tal-klawsola 3.1 tat-Terms of Business iffirmati bejn is-socjeta’ Pentasia Malta Limited u s-socjeta’ konvenuta PIV Game Ltd.

Hija kompliet tispjega illi ftit tal-gimghat wara, kienet giet infurmata li PIV Game Limited kienet bdiet tkecci lil dawn il-kandidati. Fil-fatt kienet irceviet email fil-21 ta’ Ottubru 2010 minghand wahda minn dawn il-kandidati, u cioe’ Paula Sariola fejn infurmatha li l-impjieg ma kienx fil-konfront ta’ PIV Game Limited imma ta’ 4club.com li kienet website gdida tal-gaming proprjeta’ ta’ l-istess

persuni li jmexxu PIV Game Limited u li wara ftit kienu keccew xi mpjegati minnhom minhabba li ma setghux jaffordjawhom aktar, liema email giet annessa mal-affidavit u mmarkata bhal Dok SP2. Hija stqarret li ‘redundancy’ m’hijiex bazi ghal riduzzjoni fil-hlas jew *replacement* fit-*Terms of Business* sopra msemmi.

Irrizultalha wkoll illi l-imsemmi David Martinez li kien gie propost minn Pentasia Malta Limited minghajr hlas kien baqa’ ngaggat ma’ PIV Malta Limited.

Hija spjegat li dawn il-fatturi mahruga, u cioe’ l-fattura bin-numru 1009-569 kopja ta’ liema giet annessa u esebita bhala Dok SP3 mahruga fit-22 ta’ Settembru 2010 mahruga fil-konfront ta’ Jean Karl Abela ghall-ammont bilancjali ta’ €4,189 ghadha mhux onorata u dan minkejja li s-socjeta’ Pentasia Malta Limited bghatet lis-socjeta’ konvenuta Ittra Ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ittra ggib in-numru 276/2012 kif ukoll ghamlet Mandat ta’ Sekwestru kontra l-istess, liema Mandat igib in-numru 374/2012.

**George Camilleri** xehed in rapprezentanza tal-ETC nhar is-26 ta’ Settembru 2012 u stqarr illi huwa gie mitlub sabiex jaghti l-employment history ta’ Jean Karl Abela ta’ Flat 3, Wilg Flats, Triq il-Gwiebi, Bugibba. ID Card Number 234786 M. Ikkonferma li huwa ghandu fil-pussess tieghu *tali history* li gie esebit u mmarkat bhala dokument ETC. Mistoqsi jekk l-Awtorita’ ircevietx xi ittra minghand is-socjeta’ Pantasia datata 11 ta’ Jannar 2011, rigward Jean Karl Abela, wiegeb li le pero’ irrizultalu li mill-ezami tal-file relattiv li rcieva ittra datata 24 ta’ Ottubru 2011 u stqarr li f’din l-ittra hemm indikat numru ta’ nies li sabu xoghol tramite is-servizzi ta’ l-istess Pantasia Malta Limited. Mistoqsi mill-Qorti jekk Jean Karl Abela kienx imsemmi f’din l-ittra, wiegeb li ma hemm l-ebda referenza ghalih. Muri ittra li giet mmarkata bhala Dokument Z qal li fil-fatt ma jirrizultalux li din l-ittra waslet ghandhom. Pero’ pprometta li jaghmel il-verifiki tieghu sabiex jara jekk ghandux kopja ta’ din l-ittra fl-ufficini tal-ETC.

**George Camilleri** riprodott u in rapprezentanza tal-ETC rega' xehed nhar it-3 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li mir-ricerka li huwa ghamel fil-file relattiv, sostna li l-ittra li nghata kopja taghha fis-seduta precedenti u mmarkata bhala dokument Z datata 11 ta' Jannar 2011, ma' hemm l-ebda kopja taghha inserita fil-files taghhom. Zied jghid li huma ghandhom sistema ta' zewg files fejn dokumenti bhal dawn in ezami jigu migbura u sostna li fir-ricerka li huwa ghamel f'dawn il-files, l-ittra ma' dehritx. Tenna li l-ittra Dok Z ma tidhirx fiz-zewg files.

**Jean Karl Portelli** xehed nhar il-31 ta' Ottubru 2012 fejn stqarr li qed jixhed ghan-nom u raprezentanza tal-MFSA. Tenna li gie mitlub sabiex jixhed dwar is-socjeta' konvenuta, il-kumpanija kummercjali PIVGAME Limited, diga' maghrufa bhala Poker Events Limited C44342, senjatament min huma d-diretturi mis-sena 2009 sal-gurnata prezenti. Huwa pprezenta dokument mahrug mill-kumpanija taghhom fejn gew moghtija dettalji tad-diretturi min kienu mis-sena 2009 sal-gurnata prezenti, kif ukoll jekk kienx hemm xi rizenji. Id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MFSA. Gie mitlub ukoll sabiex jaghti informazzjoni dwar is-socjeta' Reptilia Limited C48915 u zied ukoll min kienu d-diretturi taghha mis-sena 2010 sal-gurnata prezenti. Ipprezenta dokument mahrug mill-MFSA liema dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MFSA 1 fejn hemm id-dettalji mitluba minn ghandhom u naturalment rigwardanti t-tieni kumpanija u cjoe' ir-Reptilia Limited. Zied li huma bdewha mid-date of inset taghha - meta giet registrata. Tenna li b'referenza ghad-dokument MFSA 1 gie mitlub meta beda bhala direttur Cesare Florio, detentur tal-karta tal-identita' taljana bin-numru AR 5507403 u zied li m'hemmx data meta kien gie appuntat mill-bidu, meta giet registrata il-kumpanija u cioe' fis-17 ta' Frar 2010.

**Jean Karl Abela** xehed nhar il-31 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li prezentament jahdem fil-business tal-Vodafone. Mistoqsi jekk qattx sema bis-socjeta' Pentasia Malta Limited, ikkonferma li iva, fil-fatt kien applika biex jahdem maghha fis-sena 2010, u fil-fatt kienet sabitlu x-xoghol mas-socjeta' Reptilia Limited. Tenna li fil-fatt in

segwitu beda jaghmel xi xoghol ghas-socjeta' Reptilia Limited. Mistoqsi min kienu d-diretturi tieghu, stqarr li minn dak iz-zmien l-hawn, nesa, pero' hemm cans li jista' jarafhom, pero' x'jisimhom nesa. Ikkonkluda li cert li kienu Taljani.

**Sarah Portelli** xehdet fil-5 ta' Dicembru 2012 bl-Ingliz fejn iddikjarat illi tokkupa l-kariga ta' *team and senior consultant*, pero' meta' gara dan il-kaz, hija kienet qieghda tghin tfajla fit-team taghha bhala *resourcer*. Din it-tfajla hija Rebecca Degaetano. Hija spjegat li r-relazzjoni li kellha Pentasia mas-socjeta' konvenuta kienet li huma jahdmu ghal din il-kumpanija tal-igaming u jghinuhom fir-reklutagg. Huma kienu qed jghinu lil Poker Venice biex joholqu tim ghall-*call centre* li jaqdu klijenti Portugizi, Spanjoli u Inglizi. Ghalhekk kellhom ifittxu l-kandidati mid-database taghhom biex imbaghad jibghatu l-profiles lis-socjeta' konvenuta biex jarawhom. Ix-xhud esebiet tliet printouts mid-database tas-socjeta' attrici li gew immarkati mill-Qorti bhala Dok. SP, SP1 u SP2 rispettivament. Dokument SP juri c-CVs li huma baghtu, Dok. SP1 juri l-interviews li saru u Dok. SP2 juri l-kandidati li ntaghzlu mix-xhud.

Mistoqsija minn hi Daniela Boyle, wiegbet li hi l-*account holder* ta' Poker Venice. Hija kienet impjegata ma' Pentasia u kienet qed tiehu hsieb Poker Venice. Poker Venice tidher li hi inattiva skond id-dokumentazzjoni tas-socjeta' attrici ghax m'ghadhomx jahdmu ghalihom. F'dok. SP jidhru l-kandidati kollha li kienu baghtu ghalihom skond kif mitluba. Mistoqsi jekk Jean Karl Abela jidhirx fil-lista hija wiegbet li iva jidher. Dan ifisser li huma effettivament sabu c-CV tieghu u baghtuha lil Poker Venice ghall-intervista. Hija kkonfermat li Jean Karl Abela kien intaghzel kif jidher f'dok. SP1. Hija kkonfermat ukoll li Jean Abela u Jean Karl Abela huma l-istess persuna u li kien gie intervistat fid-9 ta' Ottubru 2010.

Mistoqsija min huma n-nies li jidhru bhala kuntatti f'dok. SP1, b'mod partikulari l-isem Michele Martinez li qieghed hdejn Jean Abela, hija qalet li dan kien il-persuna li ntervista lil Jean Abela. Michele Martinez jahdem ghas-

socjeta' konvenuta. Hija stqarret li hemm kandidati ohrajn li applikaw biex jahdmu mas-socjeta' konvenuta b'mod partikolari Paula Sariola, Douglas da Silva Pace u Eliseu Samuel da Silva Ferreria li huma Portugizi u li jidhru f'dok SP2.

Ix-xhud esebiet dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok SP3 li huwa email li Paula Sariola kienet baghtet lix-xhud fejn infurmata li m'ghadhiex tahdem ma' Poker Venice flimkien mal-kollega Jean Karl Abela ghax il-kumpanija kienet waqfithom. Hija kienet infurmatha wkoll li l-isem tal-kumpanija mhux Poker Venice imma hu Four Club li hi *igame company* ohra ta' Poker Venice.

**Brenda Vella** xehdet fit-23 ta' Jannar 2013 fejn iddikjarat li hija qed tixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-ETC. Hija kienet giet mitluba sabiex taghti informazzjoni dwar l-impjieg ta' Michaele Martinez u Filippo Filippi, u qalet li mir-ricerka li ghamlet irruzulta li ma hemm ebda dokumentazzzjoni registrata maghhom f'isem dawn iz-zewg persuni.

**Cesare Florio** xehed in kontro-ezami fl-20 ta' Marzu 2013 fejn ikkonferma li huwa ghandu socjetajiet ohrajn hawn Malta u wahda minnhom jisimha Reptilia Limited. Huwa ghandu ishma wkoll f'socjeta' ohra li jisimha Token Solution Limited. Mistoqsi jghid min hu Michele Martines qal li huwa dipendenti minn Pivgame Limited imbaghad ricentament u cioe' xi hames xhur ilu xtara xi ishma fis-socjeta' Reptilia Limited.

Ix-xhud spjega li Filippo Filippi huwa konsulent estern tas-socjeta' Pivgame Limited u huwa membru tas-socjeta' Token Solutions Limited. Michele Martines jghix hawn Malta, pero' ma jafx l-indirizz tieghu. Illum il-gurnata dan jikkolabora mas-socjeta' Pivgame Limited. Fizikament jopera mill-ufficcju 31, Tigne Street, Sliema. Ix-xhud iddikjara li huwa ma jafx min hi Paola Sariola. Michele Martines kien jaghmel xoghol ta' *marketing* u *communications* ghas-socjeta' Pivgame Limited. Fil-fatt kien jircievi xi komunikazzjoni minghand Pentasia Limited. Ix-xhud filfatt kien iffirma kuntratt f'isem is-socjeta'

Pivgame Limited mas-socjeta’ attrici Pentasia Malta Limited. Filfatt Michele Martines kien responsabbli sabiex japprova l-kandidati ghas-socjeta’ Pentasia Malta Limited.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici pprezentata fl-atti nhar il-5 ta’ Gunju 2013 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Cesare Florio, liema affidavit kien gie prezentat f’kawza ohra fl-istess ismijiet (Rikors Numru 90/2012 VG) li qed tinstema’ quddiem din il-Qorti diversament preseduta, liema xhieda inghatat quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dott. Daniela Mangion nhar l-20 ta’ Marzu 2013.

Dan ix-xhud stqarr li s-socjeta’ Pokerinvence Limited u PIVGAME Limited huma l-istess kumpaniji. Ikkonferma li huwa jahdem fil-qasam ta’ sales management fi hdan il-kumpanija. Fis-sena 2010 kien jokkupa il-kariga ta’ Direttur tas-socjeta’ Pokerinvenance Limtied u kien dahal f’kuntratt mas-socjeta’ attrici. Qal li din il-kumpanija hija ‘*recruitment agency’* u ghalhekk kellha ssib nies biex jahdmu maghha.

Huwa esebixxa itra li intbagthet mis-socjeta’ konvenuta flimkien ma’ kopja ta’ fattura li giet immarkata bhala Dok CF1 u din kienet intbghatet qabel ma infethet il-kawza li dwarha kien qed jixhed fiha.

Spjega li din il-fattura tirreferi ghal certu Paula Claudia Sariola li skond din il-fattura giet impjegata maghhom izda jghid li din il-persna ma jafhiex. Fil-fatt stqarr li in verita’ din il-persuna qatt ma hadmet mas-socjeta’ Pokerinvenace Limited jew PIVgame Limited. Tenna li ma jiftakarx kemm kien hemm nies jahdmu mas-socjeta’ PIVGAME Limited izda jidhirlu li kien hemm xi tlieta jew erbgha minn nies matul is-sena kollha u cioe’ 2010. Qal li ma jiftakarx min kien impjegahom mis-socjeta’ Pentasia. Jista’ jkun li Debbie Paris kienet fost l-ewwel li qabdithom. Kien Michele Martinez li kien ghamel in-negozjati bejn PIVGAME Limited u Pentasia u kien jipprocessa l-informazzjoni tal-kanditati mibghuta minn Pentasia.

Ikkonferma li huwa jamministra is-socjeta' Reptilia Limited u qeghda hawn Malta u huwa wkoll partner fis-socjeta' Token Solutions Ltd.

Qal li Michele Martinez illum il-gurnata huwa *shareholder* fi hdan din is-socjeta' Reptilia Limited. Fis-sena 2010 u 2011 huwa ma kellu l-ebda konnessjoni ma' Reptilia Limited. Huwa ma jafx jekk Paula Sariola kienet impjegata ma' Reptilia Limited u jkollu jivverifika. Meta gie mistoqsi jekk hux minnu li Michele Martinez kienx ghazel lil Paula Sariola u impjegha ma' PIVGAME Limited jew socjeta' ohra wiegeb li mas-socjeta' PIVGAME Limited zgur li ma hadmitx. Qal li jista' jkun li Michele Martinex ghazilha u impjegha ma' socjeta' ohra. Filippo Filippi huwa konsulent ta' PIVGAME Limited u dan m'ghandu l-ebda konnessjoni ma' Reptilia Limited.

Rat li minkejja li din il-Qorti tat diversi opportunitajiet lis-socjeta' attrici sabiex tharrek lix-xhud Michele Martinez, is-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tirrintraccjah.

**Ikkunsidrat:**

Illi din is-sentenza ser tinghata biss fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u cioe' dik li s-socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontadittur tas-socjeta' attrici stante li l-kuntratt li fuqu hija ibbazata t-talba promotrici huwa ffirmat minn terzi.

**Konsiderazzjonijiet Legali.**

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**<u>Korporazzjoni ghas-Servizzi tall et vs Emanuel Grixti</u>'** jinghad li *"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et</u>**' deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza".*

Ta' importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '**<u>Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael</u>'** fejn inghad li:

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta' b'responsabbilta` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa, it-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Dan l-insenjament huwa wkoll ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Legend Real Estate Limited vs Ron Chetcuti</u>'** deciza nhar l-20 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Appell fejn inghad li f'kaz bhal dan il-konvenut ghandu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta' gestita minnu imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim s-socjeta' konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rappresentanza tas-socjeta' tieghu. Dan hu abbondantament pacifiku fil-gurisprudenza taghna. Fil-fatt irriteniet li:-

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identitfikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilta` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta'* – **<u>John Vella noe s Anthony Vella et</u>** (Appell 3 ta Dicembru 1999). Vide wkoll '**<u>Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna</u>**' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 u '**<u>Anthony Caruana et vs John Magro et'</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Otubru 1999.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi s-socjeta' attrici qed tallega li hija ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' erbat elef, mija u disgha u tmenin Ewro (€4,189) rapprezentanti l-valur ta' fattura datata 12 ta' Settembru 2010 rigward servizz ta' reklutagg rez lilha ghal liema servizz is-socjeta' konvenuta ma hallsitx.

In sostenn ta' dak li qed tallega, is-socjeta' attrici resqet lil **Christopher Vella** Direttur tas-socjeta' attrici. Spjega li din is-socjeta' hija licenzjata bhala agenzija ta' l-impjieg u tispecjalizza b'mod partikolari fir-reklutagg ta' persuni fis-settur ta' l-*online gaming*. Ikkonferma li fis-6 ta' Mejju 2009, is-socjeta' konvenuta kienet ghamlet kuntatt mas-socjeta' attrici bil-ghan li din tipprestalhom is-servizz ta' reklutagg (vide Dok CV1).

In segwitu jghid li s-socjeta' konvenuta avvicinat lis-socjeta' Pentasia Malta Limited biex issibilha kandidati prospettivi ghal erba' *vacancies* fil-*Customer Support* bl-ispecifikazzjoni li tnejn kellhom jitkellmu l-lingwa Ingliza filwaqt li t-tnejn l-ohra jitkellmu bil-lingwa Spanjola u ghal dawn il-*vacancies* kienet bghatet madwar ghoxrin kandidat prospettiv, erba' minnhom gew impjegati u cioe' lil Paula Claudia Sariola, Douglas Da Silva Pace, Jean Karl Abela u Eliseu Samuel Ferreria.

Huwa sostna li dawn l-erba' kandidati kienu ngaggati bil-paga ta' €17,750 fis-sena kull wiehed u b'hekk ai termini tal-klawsola 3.2 tat-*terms of business* imsemmija, l-ammont dovut lis-socjeta' attrici kien ta' 20% ta' din il-paga u cioe' s-somma ta' €3,550 flimkien ma' €639 bhala VAT. B'kollox jammontaw ghal erbat elef, mija u disgha u tmenin Ewro (€4,189). Hekk kif gew ingaggati, is-socjeta' attrici baghtet erba' fatturi lis-socjeta' konvenuta fit-22 ta' Settembru 2010 bin-numri 1009-568, 1009-569, 1009-570 u 1009-571 rispettivament ghal kull kandidat li gie ngaggat.

Spjega li s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti fil-hlas taghha sal-gurnata tal-lum u dan fir-rigward il-hlas

dovut lilha mill-impieg ta' Jean Karl Abela dan minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont tal-fatturi flimkien ma' l-interessi relattivi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Illi apparti dan, is-socjeta' attrici resqet lil Sarah Portelli li kkonfermat dak li qal Christopher Vella u xejn aktar.

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta resqet l-amministratur taghha **Cesare Florio** jixhed fejn ikkonferma illi Jean Karl Abela qatt ma hadem ghas-socjeta' PIVGAME Limited u lanqas mas-socjeta' Pokerinvence Limited. Huwa stqarr illi s-socjetajiet kontendenti kellhom relazzjoni ta' xoghol tajba pero' cahad li huma qatt impjegaw lil Jean Karl Abela kif qed issostni s-socjeta' attrici Ikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet hadmet hafna nies li gew introdotti lilha mis-socjeta' attrici pero' zgur li mhux Jean Karl Abela .

Illi s-socjeta' attrici resqet lil dan Jean Karl Abela u dan stess ikkonferma illi huwa qatt ma hadem mas-socjeta' konvenuta ghalkemm jghid li kellu xoghol mas-socjeta' Reptilia Limited. Dettalji jew informazzjoni dwar Reptilia Limited pero' ma tax f'dawn il-proceduri. Illi r-rapprezentant tal-ETC George Camilleri pprezenta l-employment history ta' Jean Karl Abela u minn ezami tal-istess jirrizulta li Jean Karl Abela qatt ma hadem mas-socjeta' konvenuta u li huwa minnu li bejn it-22 ta' Settembru 2010 sat-8 ta' Ottubru 2010 huwa hadem mas-socjeta' Reptilia Limited u l-impjieg tieghu gie terminat fil-perjodu tal-probation.

Jinghad li l-provi li resqet is-socjeta' attrici bl-ebda mod ma jikkonfermaw li effettivament is-socjeta' attrici ghenet lil Jean Karl Abela sabiex jimpjega ruhu mas-socjeta' konvenuta. Ghalkemm irnexxilha tipprova li kien hemm relazzjoni ta' xoghol bejnha u bejn is-socjeta' konvenuta zgur li ma rnexxillhiex tipprova li s-socjeta' konvenuta kienet is-socjeta' li impjegat lil dan Jean Karl Abela.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et</u>',** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2004 li:

"*Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Il-Qorti ssaqsi: Meta s-socjeta' attrici kienet indunat li d-dokumenti mibghuta minnha (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin isibu widen, ghaliex is-socjeta' attrici ma ppruvatx issib prova dokumentarja ta' dan is-servizz moghti? M'hemmx dubbju li servizz mis-socjeta' attrici lis-

socjeta' konvenuta kien jinghata u dan mhux indubitat, pero' minn imkien ma jirrizulta li effettivament is-socjeta' konvenuta kienet impjegat lil dan Jean Karl Abela u addirittura wisq inqas tramite s-servizz ta' reklutagg taghha u **ghalhekk il-Qorti qieghda takkolji l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li tiddikjara li s-socjeta' konvenuta mhix il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici u ghalhekk qed tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 276/2012 u tal-mandat ta' sekwestru numru 374/2012 jibqghu a karigu tas-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------